MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 438/2009

**Go p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Far-Fetched Media Ltd (C23558)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' sitt elef, tlett mija u tnejn u sebghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€6372.76) rapprezentanti ammont mis-socjeta' konventua dovut in konnessjoni ma' diversi servizzi telefonici bin-numru 21463626, 21463623, 21467787, 21467777, 21463663, u 21462007 (AC 10023840, CN 1052067) skond kif jirrizulta mill-anessi Dok IZY 1, u kopja ta' ftehim anness mar-rikors u markat Dok IZY 2.

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 sa fol 19 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fis-7 ta' Dicembru 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, tlett mija u tnejn u sebghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€6372.76) bl-imghaxijeit legali mill-10 ta'Novembru 2009 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------